MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 228/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. A. Miruzzi)**
**Vs**
**Bernardette Darmanin nee' Dougall**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, talli ghan-nom u in rappresentanza ta' Darmanin Enterprises Ltd, u/jew bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, naqset sal-hmistax-il jum tat-tieni xahar li jigi wara l-ahhar jum li fih intemmu z-zminijiet ta' taxxa relattivi li tibghat lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (12) id-denunzja li saru dovuti fil-perjodi li ntemmu fil-31 ta' Lulju, 2006 sal-31 ta' Jannar, 2009 u dan bi ksur tal-artikoli 27 u 76(c) u 82(2) ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-18 ta’ Gunju, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 27, 76(c) u 82 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellanti hatja ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra taghha w ikkundannataha multa ta’ seba’ mitt Euro (€700). Peress li l-appellanti ottemperat ruhha, l-Qorti ma mponietx terminu w multa addizzjonali.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fit-30 ta’ Gunju, 2009, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberaha minn kull imputazzjoni w htija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat u nkomplet tal-Ligi. Dan jinghid stante li l-Ewwel Qorti, wara li semghet il-provi w wara li rat id-dokumenti pprezentati mill-appellanti, kienet l-istess Qorti li ma kkunsidratx id-dispozizzjonijiet tal-Att dwar il-Kumpaniji w senjatament l-artikoli 290 *et seq* ta’ dan l-Att u cioe’ tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta’ Malta. Filwaqt li huwa mifhum li proceduri ta’ natura kriminali ghandhom jimxu fuq il-binarji tal-ligi penali hekk kif regolati mill-Kodici Kriminali jew a bazi tal-ligi specjali (bhal ma huwa l-kaz odjern), madanakollu, l-appellanti tikkontendi li d-difiza minnha mressqa quddiem l-Ewwel Qorti w cioe’ d-difiza tal-*nemo ad impossibilia tenetur,* tisussisti xorta wahda stante li hija mibnija fuq *lex specjalis* li minhabba l-istess *lex specjalis* hija ma setatx taghmel dak minnha mitlub mid-dipartiment tal-VAT u li fil-fatt, anke l-istess “returns” minnha pprezentati qabel ma nbdew il-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti huma legalment monki stante li galadarba s-socjeta’ msemmija giet stralcjata w cioe’ ma ghadhiex tezisti la fil-fatt u lanqas fid-dritt, u dan minn nhar it-23 ta’ Lulju, 2007 u

cioe' l-jum li fih din is-socjeta' giet "de-registered". Id-data tal-perjodi li fihom skond id-Dipartiment ma kinux ippresentati r-"returns" relattivi, jemergi, kif il-perjodu in kwistjoni huwa l-perjodu ta' wara li s-socjeta' Darmanin Enterprises Ltd. Giet "de-registered".
L-artikolu 295 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi li :-
*"Mal-hatra ta' stralcjarju, is-setghat kollha tad-diretturi w tas-segretarju tal-Kumpannija jieqfu, sakemm mhux provdut xort'ohra f'dan it-Titolu".*

Dan l-artikolu wahdu jordna li l-ebda ufficjali ma jibqa' vestit bil-poteri w jew rappresentanza ta' socjeta' galadarba jkun hemm hatra ta' stralcjarju. Id-dokumenti esebit mill-appellanti juru bla dubbju l-hatra ta' stralcjarju.

Semghet ix-xhieda mill-gdid;

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat;

Li minn dawn l-atti u mill-provi jidher li f' dan il-kaz il-kontestazzjoni in meritu tirrigwarda biss r-responsabbilta' penali o meno tal-appellanti in rapprezentanza tas-socjeta' Darmanin Enterprises Limited ghal nuqqasijiet tal-istess socjeta' u mhux jekk fil-fatt inkisritx il-ligi mill-istess socjeta'. Jirrizulta li l-appellanti flimkien ma zewgha Francis Darmanin kienu kemm shareholders u diretturi tal-istess socjeta u anki kienu vestiti bir-rapprezentanza legali w gjudizzjali tal-istess kumpanija (Fols. 4 u 5 , 9 u 10 tal-process) u fil-fatt dan mhux qed jigi kontestat. Jirrizulta ukoll li din is-socjeta' marret *"into liquidation"* f' Dicembru 2005 , tant li <u>fis-27 ta' Dicembru, 2005</u> is-sur Peter Paul Darmanin <u>inhatar b' effett minn dak in-nhar bhala l-istralcjarju</u> skond l-artikolu 290 (1) tal-Companies Act. L-appellanti fil-15 ta' Gunju, 2006, flimkien ma Francis Darmanin, kienet iffirmat u approvat il-"*liquidation accounts and scheme of distribution"* tal-istess socjeta' kif imhejji mill-istralcjarju tas-socjeta' Peter Paul Darmanin CPA (Fol. 17). Is-socjeta' giet stralcjata fit-23 ta' Lulju, 2007. Ir-reat addebitat lill-appellanti w li tieghu nstabet

hatja allegatament gara fil-periodu bejn il-31 ta’ Lulju, 2006 u l-31 ta’ Jannar, 2009 u cioe’ wara l-hatra tal-istralcjarju.

Ikkonsidrat;

Illi qabel xejn din il-Qorti terga’ tirrleva kif ghamlet f’ kazi precedenti, li meta l-prosekuzzjoni tesebixxi kopji tal-estratti mill-atti ta’ xi socjeta kummercjali, ikkupjati jew *“downloaded*” mill-*website* tal-Malta Financial Services Authority, din ma tkunx l-aqwa prova skond il-ligi dment li tali kopji ma jigux konfermati bhala awtentici minn xi addett tal-istess Awtorita’ bil-gurament. (ara App. Krim. **“Il-Pulizija vs. Raymond Borg”** [14.7.2009])

F’ dan il-kaz pero’ dan in-nuqqas ta’ prova dokumentarja ammissibbli mhux daqstant determinanti ghax l-istess appellanti ma tikkontestax li f’ xi zmien fil-fatt kienet kemm direttrici w azzjonista w li kellha r-rapprezentaza gjudizzjali w legali tal-istess socjeta’.

Illi din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza "**Il-Pulizija vs. Carlo Stivala"** [20.9.2007] kienet irrevokat sentenza tal-Ewwel Qorti fejn l-appellant kien instab hati, proprju ghaliex irrizulta li minkejja li hu kien iffirma l-*application form* ghar-registrazzjoni, bhala direttur, hu kien irrizenja mid-direttur sad-data meta sar ir-reat.

F’ dan il-kaz jirrizulta li l-poteri tal-appellanti gew terminati *ex lege* bl-applikazzjoni tal-artikolu 295 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta’ Malta li jiddisponi li:-

***“Mal-hatra ta’ stralcjarju, is-setghet kollha tad-diretturi w tas-segretarju tal-kumpanija jieqfu, sakemm mhux provdut xort’ ohra f’ dan it-Titolu.”***

Ghalhekk hu applikabbli l-istess principju enuncjat fis-sentenza citata, sia pure ghal raguni diversa li tohrog espressament mill-ligi specjali tal-Companies Act. Se mai, l-azzjoni kriminali odjerna kellha tigi intentata kontra l-istralcjarju f’ dan il-kaz u mhux kontra l-appellanti.

Ghalhekk l-aggravju tal-appellanti jidher gustifikat legalment u qed jigi akkolt.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata b' dan li l-appellanti qed tigi liberata minn kull imputazzjoni w piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------